MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 178/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Keith Camilleri talli:

(1) fid-9 ta’ Novembru 2006 ghall-habta tal-11.45 a.m. fi Triq l-Mdina, H’Attard, flimkien ma’ persuni ohra, ikkommetta serq ta’ flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, liema serq sar flimkien ma’ offiza fuq il-persuna ta’ Riccardo Cremona, u li saret ghad-detriment ta’ l-istess persuna;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Riccardo Cremona kontra l-volonta` tieghu, liema sekwestru sar flimkien ma' offiza fuq il-persuna ta' l-istess Riccardo Cremona;

(3) ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Riccardo Cremona permezz ta' arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv, ai termini ta' l-artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqy li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(5) kellu fil-pussess tieghu arma regolari pprojbita kif stipulat fi Skeda Numru Wiehed ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) f'H'Attard u/jew f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, saq vettura Renault Megane, numru ta' registrazzjoni DBG-065 minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

(7) saq vettura numru DBG-065 minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita` kompetenti sabiex tintuza fit-triq;

(8) saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti;

(9) irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza datata 22 ta' Frar 2006 moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba tordna l-konfiska tal-vettura Renzult Megane numru DBG-065 li ntuzat fir-reat odjern;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Keith Camilleri hati (i) b'serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa, (ii) b'sewqan ta' vettura minghajr ma kienet licenzjata u minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni; u (iii) b'pussess ta' arma regolari u, wara li rat l-artikoli 261(a)(c)(g), 262(b), 267, 271(g), 277(a), 279(a), 280(2) u 17(b) tal-Kap. 9, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap. 104, u l-artikolu 55(b) tal-Kap. 480, ikkundannatu tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 dment li ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien sospiz, ikkundannatu skond l-artikolu 28H tal-Kap. 9 ihallas lid-derubat is-somma ta' elf u erba' mitt euro zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata, illiberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra u ma ordnatx il-konfiska tal-vettura;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-27 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi (a) tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-2, it-8 u d-9 imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u minflok tiddikjarah hati tal-istess, kif ukoll (b) tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' prigunerija ta' 18-il xahar sospizi ghal zmien 4 snin mid-data tas-sentenza erogata u minflok tinfliggi piena skond il-ligi; filwaqt li (c) tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti kellha ssib htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni peress illi nonostante li z-zamma ma setghetx hadet tul ta' hin, tali zamma xorta hija kontra l-ligi; (2) li l-ewwel Qorti kellha ssib htija anke ghat-tmien

imputazzjoni peress illi mill-provi jirrizulta li l-appellat kien unikament responsabbli ghas-sewqan negligenti tar-Renault Megane; (3) li l-addebitu ta' recidiva tirrizulta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni; (4) li kwantu ghas-sejbien ta' htija ta' sewqan ta' vettura minghajr ma kienet licenzjata, l-ewwel Qorti ma applikatx il-piena kontemplata fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, filwaqt li dwar is-sejbien ta' htija ta' sewqan minghajr kopertura ta' assikurazzjoni, l-ewwel Qorti ma applikatx il-piena a tenur ta' l-artikolu 3(2) tal-Kap. 104 u tenut kont tas-sentenza precedenti kif jirrizulta a fol. 115; (5) li in vista tat-tielet aggravju l-ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika sentenza sospiza ta' prigunerija.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant isostni li ghalkemm l-ewwel Qorti qalet illi z-zamma kienet fugaci wisq, iz-zmien kien twil bizzejjed sabiex jippermetti li s-serqa tkun kompjuta. Ir-reat kontemplat fl-artikolu 86 ma jistipola ebda durata ta' hin u ghalhekk dak li sehh kien kontra l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi.

Il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu fuq il-ligi kriminali, jiccita lil Roberti li jghid: **"Il reato preveduto nell'articolo 169"** (l-artikolu 86 taghna) **"esiste sia quando <u>alcuno si fermi</u> nel mentre che agisce o cammina; sia quando <u>si faccia rimanere</u> suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente <u>si trasporti</u> da un luogo ad un altro."** [1]

Francesco Antolisei jghid: **"E` necessario, peraltro, che la perdita della liberta`** ***si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*****"** U jaghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: **"In questo senso Cass. 16 giugno 1950, in *Giust. pen.* 1951, II, 73, 78. *Contra* Cass. 14 febbraio 1958, in *Giust. pen.* 1958, II, 1098, secondo cui sarebbe irrilevante la durata della limitazione alla liberta` del soggetto passivo. Con la sentenza 14 gennaio 1961, in *Mass. pen.* 1961, m. 388, la Corte di Cassazione ha precisato che la**

[1] Roberti, Corso Completo,para. 323 kif citat f'Notes on Criminal Law, Vol. II, Prof. Sir Anthony Mamo p. 35.

**privazione della liberta` di movimento del soggetto passivo deve perdurare "per un apprezzabile lasso di tempo, anche brevissimo", cosi che non sarebbe rilevante solo se "momentanea e fugace".**

L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih sehhet is-serqa in kwistjoni kien fugaci. L-appellant Avukat Generali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali. Joan Zarb Adami xehdet li l-incident gara "f'sekondi. Ma nahsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-incident ha aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetah il-bieba tax-xufier tat-*truck* u sprejjalu l-*pepper spray* go wiccu, u sadattant persuna ohra kisser hgiega tal-bieba l-ohra u seraq il-*pouch* bil-flus li kellu x-xufier fuq is-*seat* tal-passiggier. Ghalhekk, ghalkemm wiehed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaci". Ghalhekk ewwel Qorti kellha ssib htija anke dwar din l-imputazzjoni.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li l-appellat gie lliberat mill-imputazzjoni ta' sewqan ta' vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti. Li l-vettura in kwistjoni kienet qed tinsaq mill-appellat m'hemmx dubju, dan jammettieh hu stess meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Issa, l-Avukat Generali, fir-rigward tat-tieni aggravju, jirreferi ghax-xiehda ta' Joan Zarb Adami.

Il-parti rilevanti tax-xiehda li tat Joan Zarb Adami quddiem l-ewwel Qorti fit-13 ta' Frar 2007 hi dik fejn tispjega li hi kienet qed issuq fejn ir-*roundabout* tal-Imtarfa u tat precedenza lil *truck* bic-cilindri tal-gass u vettura ta' kulur blu li kienet biswit tieghu u li nnutat li "kienu gejjin b'certa velocita`". Aktar ta' rilevanza hu dak li xehed ix-xufier tat-trakk, Riccardo Cremona, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2006:

"… kont qieghed insuq fi triq li nsejhilha triq gdida li tehdok ghar-r*oundabouts* ta' taht l-Imtarfa. F'daqqa u l-hin giet vettura tal-marka Renault Megane … u kif qieghda taghmel manuvra ta' sorpass kien hemm vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Hemmhekk ma kellhiex fejn

timmanuvra u dahlet mal-*bumper* ta’ quddiem tieghi, jigifieri tat-*truck* tieghi. Hemmhekk daqqejtlu l-*horn*, pero` baqghet sejra. Kif nasal fejn ir-*roundabout* ta’ taht l-Imtarfa, innutajt din il-vettura miexja b’velocita` bil-mod. Kif gejt biex naqbzu beda – is-sewwieq tal-vettura – jisserpeggja u jimblokkali t-triq.”

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita` ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ghall-finijiet ta’ piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta’ sewqan traskurat hu kompriz u involut f’dak ta’ sewqan bla kont u f’dak**

**ta’ sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)”.**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta’ Frar 2004:

**“...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta’ ‘degree’ (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta’ sewqan perikoluz, hemm bzonn ta’ certu grad ta’ ‘recklessness’ (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). ‘Recklessness’ giet definita bhala ‘wilfully shutting one’s eye’ (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])”.**

Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza, din il-Qorti hi tal-fehma li s-sewqan ta’ l-appellat ghandu jitqies li kien ta’ natura traskurata u ghalhekk sejjer jigi dikjarat hati ta’ hekk.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt li l-appellat gie lliberat mill-addebitu ta’ recidiva. L-appellant Avukat Generali jirreferi ghal dak li qalet l-ewwel Qorti dwar id-dokument esibit a fol. 115 tal-process li dik il-Qorti tirreferi ghaliha bhala semplici tahrika kontra l-appellat fis-seduta tat-traffiku. L-appellant jghid li fuq l-imsemmi dokument hemm il-piena nflitta fuq l-appellat dwar dik it-tahrika u li hi ffirmata mill-Magistrat sedenti. Inoltre, ikompli jghid l-Avukat Generali, saret il-prova ta’ l-identita` minn P.C. 1276 Francis Zerafa.

Din il-Qorti l-ewwelnett ezaminat id-dokument a fol. 115 tal-process. Effettivament dan id-dokument jikkostitwixxi

vera kopja tac-citazzjoni, ossia avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-hin u data indikati[2]. Imbaghad isfel fuq in-naha tax-xellug hemm indikata l-piena nflitta bil-firma tal-Magistrat sedenti u d-data tat-22 ta' Frar 2006. Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2007 quddiem l-ewwel Qorti xehed P.C. 1276 Francis Zerafa. Ix-xiehda tieghu qed tigi riprodotta fl-intier:

"Fid-9 ta' Lulju 2004 kont waqqaft persuna li kienet qieghda ssuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBA-149. Fir-rigward dan ghamilt rapport u ttiehdu proceduri fil-Qorti kontra l-persuna in kwistjoni. Din il-persuna qieghed naghrafha bhala l-imputat prezenti in awla.

"Muri d-dok. a foglio 115, qieghed naghraf id-dokument bhala sentenza moghtija minn din il-Qorti differentement preseduta. Keith Camilleri huwa l-istess persuna li gie sentenzjat."

Il-partikolaritajiet fuq id-dokument a fol. 115 jaqblu mal-partikolaritajiet fl-akkuza u dawk fil-fedina penali aggornata ta' l-appellat – salv xi varjazzjonijiet zghar fl-isem ta' omm l-appellat ("Maudy" fic-citazzjoni, "Modesta" fl-akkuza u "Mandy" fil-fedina penali). Fil-fedina penali fil-fatt insibu referenza ghas-sentenza tat-22 ta' Frar 2006.

Minn dan kollu din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li fit-22 ta' Gunju 2006 l-appellat gie kkundannat multa ta' Lm1,000 ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kif jirrizultaw kemm mid-dokument a fol. 115 kif ukoll mill-fedina penali aggornata a fol. 219.

Ghalhekk jirrizulta li l-appellat sar recidiv a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi mill-fedina penali msemmija ma jirrizultax li meta sehh il-kaz in ezami, l-appellat kien ghadu skonta l-piena nflitta bis-sentenza tat-22 ta' Frar 2006 – difatti mill-fedina penali jidher li l-multa ma thallsitx u giet konvertita f'sitt xhur prigunerija fis-sena 2007, mela wara l-kaz in ezami li sehh

[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg**, 25 ta' Lulju 1994.

fid-9 ta' Novembru 2006 – l-artikolu 50[3] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli.

Bir-raba' aggravju tieghu l-Avukat Generali jilmenta li l-ewwel Qorti ma applikatx il-piena skond l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-piena skond l-artikolu 3(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta biex jittiehed kont tal-fatt li f'dawn il-proceduri nstab hati skond l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 ghat-tieni darba.

Dwar dan l-aggravju, dak li tista' tosserva f'dan l-istadju din il-Qorti hu li kemm fil-kaz ta' sejbien ta' htija skond l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 kif ukoll fil-kaz ta' sejbien ta' htija skond l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, hemm pieni alternattivi ta' multa jew prigunerija jew multa u prigunerija flimkien. Ghalhekk il-Qorti mhijiex tenuta li necessarjament timponi multa u tista' timponi wahda jew ohra mill-alternattivi stabbiliti.

Permezz ta' l-ahhar aggravju tieghu l-appellant jghid illi stante li l-appellat ghandu jitqies bhala recidiv skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9, l-ewwel Qorti ma setghetx taghti sentenza sospiza ta' prigunerija.

L-Avukat Generali kien ikollu ragun kieku l-imsemmi artikolu 50 kien applikabbli. Izda, bhalma osservat din il-Qorti qabel, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli peress illi meta sehh il-kaz in ezami l-appellat kien ghadu ma skontax il-piena nflitta bis-sentenza tat-22 ta' Frar 2006. Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet timponi sentenza sospiza ta' prigunerija. Dak li din il-Qorti trid tara issa huwa jekk, in vista tas-sejbien ta' htija tat-tieni imputazzjoni, tat-tmien imputazzjoni in kwantu jirrigwarda sewqan traskurat, kif ukoll ta' l-addebitu ta' recidiva skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 hemmx lok ta' revizjoni tal-piena.

---

[3] L-artikolu 50 tal-Kap. 9 jipprovdi: "Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor" (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-ewwelnett, it-tieni imputazzjoni ghandha titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk ma jistax ikun hemm zieda fil-piena. Il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hi dik skond l-artikolu 277(b) tal-Kap. 9 b’referenza ghall-artikolu 275 tal-Kap. 9, u cioe` prigunerija minn disa’ xhur sa tliet snin li tizdied bi grad ghal prigunerija minn tlettax-il xahar sa hames snin jew b’zewg gradi ghal prigunerija minn tmintax-il xahar sa sitt snin. Mal-piena applikabbli dwar l-ewwel imputazzjoni, irid jizdied minn terz sa nofs il-piena ghar-reati l-ohra. Issa, il-piena ta’ prigunerija skond l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 hi ta’ mhux aktar minn tliet xhur filwaqt li dik skond l-artikolu 3(2)(b) tal-Kap. 104 hi ta’ mhux aktar min sitt xhur. Imbaghad il-piena skond l-artikolu 55 tal-Kap. 480 hi ta’ mhux aktar minn erba’ snin prigunerija. Jigifieri meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija, tali piena kienet fil-parametri tal-piena applikabbli ghar-reati li dwarhom sabet il-htija. Il-fatt li l-appellat hu recidiv skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 ma jfissirx li l-piena ghandha tizdied aktar minn hekk.

Kif diga` osservat, l-ewwel Qorti akkordat lill-appellat il-beneficcju ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan il-beneficcju pero` se jigi revokat minn din il-Qorti. Effettivament mill-fedina penali ta’ l-appellat jirrizulta illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Marzu 2010, l-appellat gie kkundannat tliet snin prigunerija dwar diversi reati, fosthom serq ta’ vettura u ta’ flus u theddid b’arma bil-ponta. Mi-xiehda ta’ Stephen Zammit f’isem id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin li nstema’ fis-seduta tallum, jirrizulta li l-appellat qieghed fil-prezent jiskonta dik is-sentenza u li taghha giet esebita kopja.  Issa, skond l-artikolu 28A(7)(a) “meta l-ikkundannat ikun digà qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija” ma jistax isir ordni skond l-artikolu 28A(1), ghalhekk is-sentenza ta’ prigunerija f’dan il-kaz ghandha tkun – u kellha tkun peress illi meta nghatat is-sentenza appellata, l-appellat kien diga` qieghed jiskonta s-sentenza tas-27 ta’ marzu 2010 – wahda effettiva.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Keith Camilleri hati skond it-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati wkoll tat-tieni imputazzjoni a tenur ta' l-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda tiddikjara din l-imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-imsemm Keith Camilleri hati ta' l-addebitu ta' recidiva u minflok issibu hati talli sar recidiv a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevokaha in kwantu kkundannatu tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok, u wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(b), 267, 271(g), 275, 277(b), 278, 279(a), 280(2), 281, 86, 49, 17(b)(h), 31 Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1)(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------